# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA.

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 21 ta’ Ġunju 2017

**Kawża Nru: 8**

**Rikors Ġuramentat Nru: 280 / 11 JA**

**John Grima**

**-vs-**

**Anna Chircop u żewġha Armando Chircop, Sandra Farrugia u Yvonne Grima; u b’digriet tad-19 ta’ Ġunju 2015 l-atti ġew trasfużi f’isem Alessandro *sive* Sandro Chircop *stante* li Yvonne Grima mietet fil-mori tal-kawża**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fil-21 ta’ Marzu 2011 fejn ġie premess:

Illi l-konjuġi Carmelo Grima u Maria Stella Grima mietu fit-30 ta' Ottubru 2007 u fl-10 ta' Novembru, 2000 rispettivament [Dok 'A' u Dok 'B'].

Illi l-imsemmija konjuġi Grima jiġu l-ġenituri tal-esponenti u ta' ħutu l-konvenuti Anna Chircop u Yvonne Grima; filwaqt li jiġu n-nanniet materni tal-konvenuta Sandra Farrugia. Il-konvenuta Sandra Farrugia hija l-unika eredi ta' oħt l-esponenti, id-defunta Rosemary Gauci.

Illi b'testment tal-5 ta' Novembru 1990, id-defunta Maria Stella Grima ħalliet bħala eredi universali tagħha lill-erba' wliedha f'sehem indaqs bejniethom, bid-dritt tar-rappreżentanza a favur tad-dixxendenti rispettivi tagħhom [Dok 'C']. Għalhekk l-eredi tad-defunta Maria Stella Grima fi kwoti ndaqs bejniethom huma l-esponenti u l-konvenuti Anna Chircop, Sandra Farrugia u Yvonne Grima.

Illi b'testmenti tat-22 ta' Jannar 2004 u tas-6 t' April 2004, id-defunt Carmelo Grima ħalla bħala eredi universali tiegħu lill-esponenti [Dok 'D' sa Dok 'G'].

Illi l-maġġorparti tal-assi ereditarji tad-defunti Carmelo Grima u Maria Stella Grima jinsabu fil-pussess tal-konvenut Armando Chircop, hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
Illi minkejja li l-esponenti nterpella diversi drabi lill-konvenuti, b'mod partikolari lill-konvenuti Anna u Armando konjuġi Chircop u Sandra Farrugia sabiex jersqu għal-likwidazzjoni, diviżjoni u qsim tal-assi ereditarji tad-defunti konjuġi Grima, il-konvenuti baqgħu inadempjenti, u għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Carmelo Grima u Maria Stella Grima, billi tiġi dikjarata li tikkonsisti f’dawk il-beni u assi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Maria Stella Grima li jiġu dikjarati jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif fuq likwidata u b’beni oħra jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Grima li jiġu dikjarati li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif fuq likwidata u b’beni oħra li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. Tordna li l-assi partikolari tal-mejta Maria Stella Grima għandhom jiġu diviżi u assenjati bejn l-esponenti u l-konvenuti Anna Chircop, Sandra Farrugia u Yvonne Grima.

5. Tordna li l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Grima jiġu assenjati lill-esponenti.

6. Tiddikjara li l-assi partikolari tal-mejta Maria Stella Grima u tal-mejjet Carmelo Grima jinsabu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom.

7. Tordna li l-konvenuti jew min minnhom, jikkonsenja lill-esponenti sehmu mill-assi partikolari tal-mejta Maria Stella Grima u l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Grima, hekk kif fuq likwidati.

8. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapreżentaw l-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż, inkluż bl-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-mewt tad-*decuius* sad-data tal-eventwali ħlas, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Anna u Armando konjuġi Chircop ippreżentata fit-28 ta' April 2011 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-eċċepjenti qatt ma opponew li jsir il-qsim tal-wirt mertu tal-kawża, u għaldaqstant ma hemmx oppożizzjoni għall-ewwel 4 talbiet attriċi;

2. Illi l-eċċepjenti jopponu l-ħames talba attriċi, u dan *stante* li, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attur intrabat u ftiehem, b'atti esterni u manifesti, li l-wirt ta' missier il-kontendenti jinqasam ukoll bejn l-aħwa f'ishma ugwali, u dan sabiex ma jinqalax ġlied bejn l-aħwa;

3. Illi dan fuq premess jiġi eċċepit mingħajr preġudizzju għal fatt illi effettivament, kif jirriżulta mit-testment ta' Carmelo Grima, ma kien baqa' xejn partikolari li jiġi ereditat *stante* li kwalunkwe assi li seta' kien hemm ittieħdu u ntużaw fil-maġġor parti mill-konvenuta l-oħra Yvonne Grima;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għat-tieni eċċezzjoni, f'każ biss li t-tieni eċċezzjoni ma tiġix milqugħa, fir-rigward tal-wirt tad-*decuius* carmelo Grima, f'każ li jiġi determinat li hemm patrimonju x'jintiret, trid tiġi likwidata l-leġittima spettanti min mill-partijiet huwa ntitolat għaliha;

5. Illi għall-fini tas-sitt u s-seba' talba, kwalunkwe flejjes li qabel kienu fil-pussess tal-eċċepjenti Armando Chircop diġa' nqasmu bejn l-aħwa f'ishma ugwali fuq struzzjonijiet tal-attur fl-2009;

6. Illi l-attur approprja ruħu minn oġġetti mobbli formanti parti mill-wirt *de quo*, li għandhom jiġu reintegrati fl-assi ereditarji qabel ma ssir id- diviżjoni relattiva;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Sandra Farrugia ppreżentata fit-28 ta' April 2011 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi l-eċċepjenti qatt ma opponiet li jsir il-qsim tal-wirt mertu tal-kawża, u għaldaqstant ma hemmx oppożizzjoni għall-ewwel 4 talbiet attriċi;

2. Illi l-eċċepjenti topponi l-ħames talba attriċi, u dan *stante* li, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attur intrabat u ftiehem, b'atti esterni u manifesti, li l-wirt ta' missier il-kontendenti jinqasam ukoll bejn l-aħwa f'ishma ugwali, u dan sabiex ma jinqalax ġlied bejn l-aħwa;

3. Illi dan fuq premess jiġi eċċepit mingħajr preġudizzju għal fatt illi effettivament, kif jirriżulta mit-tesiment ta' Carmelo Grima, ma kien baqa' xejn partikolari li jiġi ereditat *stante* li kwalunkwe assi li seta kien hemm kienu ntużaw fil-maġġor parti mill-konvenuta l-oħra Yvonne Grima;

4. Illi għall-fini tas-sitt u s-seba' talba, jistgħu jappartjenu lill-attur;

5. Illi l-attur approprja ruħu minn oġġetti mobbli formanti parti mill-wirt *de quo*, li għandhom jiġu reintegrati fl-assi ereditarji qabel ma ssir id-diviżjoni relattiva;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Yvonne Grima ppreżentata fit-2 ta' Mejju 2011 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, *stante* li hija diġa' laħqet ftehim għas-saldu fuq il-mertu kollu ta' din il-kawża mar-rikorrenti John Grima u martu Tessie Grima kif jirriżulta mill-kopja tal-ftehim tat-12 ta' Awwissu 2010, kopja ta' liema hija hawn meħmuża bħala Dokument 'YG1', u l-bank draft relattiv tal-Bank of Valletta plc mgħoddi mill-esponenti lir-rikorrenti *ai termini* tal-istess ftehim, kopja ta' liema hija hawn mehmuża bħala Dokument 'YG2'. *In oltre*, m'hemm ebda pendenzi u / jew pretensjonijiet dwar il-mertu ta' din il-kawża bejn l-esponenti u l-intimati l-oħra;

2. Illi bla ħsara għas-suespost, fuq il-mertu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu miċħuda, kemm fid-dawl tal-ftehim fuq imsemmi u kif ukoll minħabba l-fatt li mill-ittra uffiċjali tal-5 t'Ottubru 2010 bin-numru 3428/2010 (kopja tal-imsemmija ittra uffiċjali mehmuża Dokument 'YG2', mibgħuta biss lill-intimati l-oħra, jidher li r-rikorrenti huwa nfurmat b'mod preċiż dwar l-assi formanti

l-eredita' ta' Carmelo u Stella Grima, u dwar l-ishma spettanti lilu;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li skont il-verbal tas-seduta miżmuma fit-8 ta' Frar 2017 il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' April 2017.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti Fil-Qosor**

1. Illi l-konjuġi Carmelo Grima u Maria Stella Grima mietu fit-30 ta' Ottubru 2007 u fl-10 ta' Novembru 2000 rispettivament [Dok 'A' fol 5, u Dok 'B' fol 6].

2. Illi l-imsemmija konjuġi Grima huma l-ġenituri tal-attur, John Grima u tal-konvenuta, Anna Chircop; filwaqt li jiġu n-nanniet tal-konvenuta, Sandra Farrugia (l-eredi tad-defunta, Rosemary Gauci, oħt l-attur) u tal-konvenut, Alessandro Chircop (l-eredi tad-defunta, Yvonne Grima, oħt l-attur li mietet fil-mori tal-kawża).

3. Illi b'testment tal-5 ta' Novembru 1990, il-mejta Maria Stella Grima ħalliet bħala eredi universali tagħha lill-erba' wliedha f'sehem indaqs bejniethom, bid-dritt tar-rappreżentanza a favur tad-dixxendenti rispettivi tagħhom [Dok 'C' fol 7].

4. Illi sussegwentement, b'testmenti tat-22 ta' Jannar 2004 u tas-6 ta' April 2004 [Dok 'D' sa Dok 'G' fol 10-17 Carmelo Grima ħalla lill-attur bħala eredi universali tiegħu.

5. Illi ma hemmx qbil bejn il-kontendenti ta' kif għandu jinqasam il-wirt tal-konjuġi Grima hawn fuq imsemmi u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Talbiet**

Illi din hija kawża għad-diviżjoni tal-wirt tal-genituri tal-attur, konjuġi Grima msemmija aktar 'il fuq. B'mod partikolari, l-attur qed jitlob illi l-assi partikolari tal-mejta, Maria Stella Grima jiġu assenjati ugwalment bejn uliedha u s-suċċessuri tagħhom; u li l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Grima jiġu assenjati kollha lilu.

Illi minbarra d-dokumenti msemmija aktar 'il fuq, in sostenn tat-teżi tiegħu l-attur, **John Grima** esebixxa flimkien mal-affidavit tiegħu (fol 49) s-segwenti dokumenti:

- Dok 'JG1' – Dok 'JG3' (fol 54-56): flejjes appartenenti lil konjuġi Grima amminsitrati minn Yvonne Grima;

- Dok 'JG4' – 'JG6' (fol 57-59): flejjes li allegatament Yvonne Grima sellfet lill-konjuġi Grima;

- Dok 'JG7' – 'JG10' (fol 60 – 64): kopji ta' prokuri li kellha favuriha Yvonne Grima da parti tal-ġenituri tagħha, konjuġi Grima.

- Dok 'JG 11' (fol 65): Carmelo Grima għadda ċ-ċwievet lil Armando Chircop / Jack Chircop Limited.

- Dok 'JG 12' (fol 66): kopja' ta' ittra datata 1 ta' Lulju 2009 minn Dr G. Vella dwar flejjes appartenenti lil Carmelo u Maria Stella konjuġi Grima li ġew investiti minn binthom Yvonne Grima f'*Collective Investment Scheme* li mbagħad ġew reġistrati f'isem Armando Chircop.

- Dok 'JG13' – 'JG14' (fol 69-71): kopja ta' prokura ta' Yvonne Grima favur Armando Chircop u r-revoka tagħhha.

- Dok 'JG15' (fol 72): kopja ta' korrispondenza mibgħuta mill-konsulenti legali ta' Armando Chircop datata 5 ta' Jannar 2007.

- Dok 'JG16' – 'JG18' (fol 73-75): kopja ta' skambju ta' korrispondenza bejn il-kontendenti.

- Dok 'JG19' (fol 76-77): kopja ta' korrispondenza mibgħuta mill-attur.

- Dok 'JG20' [fol 78]: kopja tar-risposta għall-ittra surreferita mibgħuta minn Armando Chircop.

- Dok 'JG21' [fol 80]: kopja ta' ċekk f'isem John Grima datat 7 ta' Marzu 2009 fl-ammont ta' €26,973.22.

- Dok 'JG22' (fol 81): ittra mibgħuta mill-Prof Refalo f'isem il-klijent tiegħu, John Grima datata 20 April 2009 dwar jekk għandux jissarraf iċ-ċekk mill-klijent.

- Dok 'JG23' (fol 23): kopja ta' korrispondenza mibgħuta mill-konsulent legali, Dr Gabriella Vella.

- Dok 'JG24' (fol 84): kopja ta' affidavit ta' Armando Chircop.

- Dok 'JG25' (fol 85): ittra mibgħuta mill-Prof. Refalo datata 13 ta' Mejju 2009 dwar il-possibbilta' li jissarraf iċ-ċekk.

- Dok 'JG26' (fol 86): kopja ta' mandat ta' sekwestru maħruġ minn John Grima kontra l-konjuġi Armando u Anna Chircop.

- Dok 'JG27' (fol 88-89): kopja ta' ftehim bejn Yvonne Grima u l-konjuġi John u Therese Grima datat 12 ta' Awissu 2010.

- Dok 'JG28' – Dok 'JG30' (fol 90-92): skema ta' diviżjoni redatta minn Armando Chircop.

- Dok 'JG31' (fol 93): lista redatta minn Armando Chircop.

- Dok 'JG32' (fol 94): Kont intestat f'isem Stella Grima mal-bank HSBC fejn ġew maħruġa Lm2,500 u ngħalaq l-istess kont.

Illi ġie esebit ukoll l-*affidavit* ta' **Tereża *sive* Tessie Grima** (fol 95) mart l-attur li esebiet Dok 'TS1' sa Dok 'TS5' (fol 99-103) li kif allegat hi juru fost affarijiet oħra li Yvonne u Armando kienu għalqu l-kontijiet u ġibdu l-flejjes kollha; u xehdet ukoll waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2013 (fol 268) u ppreżentat xi notamenti. Sussegwentement ġew esebiti dokumenti li għamlet referenza għalihom fid-depożizzjoni tagħha permezz ta' nota datata 28 ta' Jannar 2013.

Illi xehed ukoll **Clayton Scicluna** (fol 135) fil-kapaċita' tiegħu ta' Sales & Marketing Officer mal-Valletta Fund Management u esebixxa żewġ dokumenti (Dok 'CS1' u Dok 'CS2' fol 113-130).

Xehed ukoll diversi drabi l-konvenut, **Armando Chircop** (fol 137); li prodott mill-attur esebixxa dokument (Dok 'X' fol 131); u a fol 161; u wkoll a fol 255 fejn esebixxa Dok 'ACX1' (fol 202).

Xehed ukoll in subizzjoni waqt is-seduta tas-17 ta' April 2013 (fol 384). Ġew esebiti wkoll xi dokumenti (Dok 'X1' sa 'X3').

Xehdet ukoll il-konvenuta, **Yvonne Chircop** (fol 142).

Illi ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Jannar 2009 (Dok 'RS1' fol 149).

Illi waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2009 (fol 156) ġiet milqugħa t-talba tal-attur li jiġu allegati l-proċess tal-kawżi fl-ismijiet, Yvonne Grima u Armando Grima (1144/06 GCD), liema kawża ġiet ċeduta; u dak tal-mandat ta' inibizzjoni 1874/2006 fl-istess imsijiet.

Illi permezz ta' nota l-attur esebixxa s-segwenti:

- Fol 176: kopja legali tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Abela tal-20 ta' April 2000 li permezz tiegħu Armando Chircop f'isem Yvonne Grima ddikjara li hija rċeviet is-somma ta' Lm 45,000 mingħandi l-ġenituri tagħha Carmelo u Maria Stella konjuġi Grima u fadal bilanċ ta' Lm322.

- Fol 182: kopja legali ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Jannar, 2009 li mid-dokument anness magħha jirriżultaw l-ammonti appartenenti lid-*decujus* li ġew investiti f'Investment Schemes, u dan skont informazzjoni mogħtija minn Yvonne Grima stess.

- Fol 188: kopja tal-atti kollha fil-pussess tagħna relattivi għall-Mandat ta' Inibizzjoni numru: 1874/06 fl-ismijiet "Yvonne Grima vs Armando Chircop".

Illi waqt is-seduta miżmuma fis-16 ta' Ottubru 2013 (fol 397), Dr Ruth Scott għall-attur iddikjarat li l-attur m'għandux aktar provi.

**Eċċezzjonijiet**

Illi fil-qosor, il-konvenuti Anna u Armando Chircop kif ukoll Sandra Farrugia opponew il-ħames talba attriċi, għaliex huma allegaw illi l-attur intrabat u ftiehem, b'atti esterni u manifesti, li l-wirt ta' missier il-kontendenti għandu jinqasam ukoll bejn l-aħwa f'ishma ugwali, u dan sabiex ma jinqalax ġlied bejniethom.

Illi da parti tal-konvenuta l-oħra, l-imsemmja Yvonne Grima eċċepiet illi għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li hija diġa' laħqet ftehim għas-saldu fuq il-mertu kollu ta' din il-kawża mar-rikorrenti John Grima u martu Tessie Grima skont il-ftehim tat-12 ta' Awwissu 2010 (Dok 'YG1' fol 29), u l-*bank draft* relattiv tal-Bank of Valletta plc mgħoddi mill-konvenuta lill-attur *ai termini* tal-istess ftehim (Dok 'YG2' fol 33). *Inoltre* ssollevat il-fatt li mill-ittra uffiċjali datata 5 ta' Ottubru 2010 (Dok 'YG3' fol 34) mibgħuta biss lill-konvenuta l-oħra jirriżulta li l-atturi kien infurmat b'mod preċiż dwar l-assi formanti l-eredita' ta' Carmelo u Stella Grima u dwar l-ishma spettanti lilu.

Illi da parti tagħhom il-konvenuti esebew *affidavits* ta' **Armando Chircop** (Dok 'Z1' fol 416), ta' **Anna Chircop** (Dok 'Z2' fol 444), ta' **Peter Farrugia** (Dok 'Z3' fol 445), u ta' **Sandra Farrugia** (Dok 'Z4' fol 447).

Illi l-konvenut, **Armando Chircop** permezz ta' nota (fol 461) esebixxa erba' (4) dokumenti Dok 'JM1' sa 'JMA6'. *Inoltre* waqt is-seduta miżmuma fl-14 ta' Ottubru 2015 l-istess konvenut Armando Chircop ikkonferma bil-ġurament il-kontenut tad-dokument Dok 'GL1' (fol 585). Imbagħad permezz ta' nota (fol 601) oħra huwa esebixxa żewġ dokumenti illi d-depożitu li kien qed iservi bħala garanzija huwa depożitat fil-Qorti (fol 602).

Xehed ukoll in kontro-eżami (fol 626) waqt is-seduta ta' 2 ta' Marzu 2016 u darb' oħra fil-11 ta' Mejju 2016 (fol 642) fejn sarlu wkoll ri-eżami.

Illi xehed in kontro-eżami l-attur, **John Grima** (fol 555).

Illi waqt is-seduta miżmuma fid-9 ta' Diċembru, 2015 xehdet bil-ġurament, **Tessie Grima** prodotta mill-konvenut in kontro-eżami (fol 604).

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi din il-kawża titratta l-wirt ta' Carmelo Grima u Maria Stella Grima. Jirriżulta li hemm qbil dwar l-interpretazzjoni tat-testment ta' Maria Stella Grima fis-sens li wliedha jew s-suċċessuri tagħhom huma l-eredi universali. Il-kontestazzjoni ewlenija mressqa fil-konfront tal-wirt tal-mejta Maria Stella Grima huwa dwar il-*quantum* jew il-porzjon mis-sehem li l-attur jallega għadu spettanti lilu.

Illi dwar il-wirt ta' Carmelo Grima lanqas hemm qbil dwaru. Mhuwiex qed tiġi attakkata l-validita' tat-testmenti tiegħu mill-kontendenti, iżda dawn qegħdin jallegaw illi l-attur kien intrabat li jaqsam magħhom. It-testmenti tal-mejjet Carmelo Grima jitkellmu ċar illi l-attur, John Grima huwa l-eredi universali. *Inoltre* t-testatur Carmelo Grima jmur *oltre* u jistipula illi (fol 15): *"It-testatur jiddikjara li huwa mhux qiegħed jinnomina lil uliedu l-oħrajn f'dana t-testment bħala eredi, anzi jrid u jordna li dawn uliedu l-oħrajn ma jkollhom l-ebda dritt għal-leġittima, u dan peress li matul ħajtu kull waħda minn dawn it-tliet uliedu l-oħra ħadu b'titolu gratwitu ħafna aktar minn dak li kien imisshom bħala leġittima wara mewtu."*

Illi li huwa żgur huwa li l-konvenuta, Yvonne Grima ma kien jispettaha xejn mill-eredita' tiegħu (fol 16):

*"a) Lil bintu xebba Yvonne Grima kien taha prokura ġenerali u l-istess Yvonne Grima kienet użat din il-prokura abbużivament peress li ddisponiet minn ġidu kollu u ma tatu xejn.*

*b) Meta ta l-prokura lil Yvonne Grima kien tahielha peress li ħaseb li kienet se tużaha sewwa u skond il-ligi u peress li ħaseb ukoll li talli kien qiegħed jafdaha bi prokura ġenerali hija kienet se tieħu ħsiebu sa mewtu.*

*c) Fid-dar tar-residenza tat-testatur hemm xi ftit oġġetti li xtrathom Yvonne Grima u ħalliethom warajha meta telqet mid-dar, pero' li dawn l-oġġetti kollha nxtraw bi flus li kienu jappartjenu lit-testatur peress li Yvonne Grima kienet żammet għaliha l-flus kollha li kellha f'idejha wara li wżat il-prokura ta' missierha fuq imsemmija."*

Illi da parti tagħha l-konvenuta Yvonne Grima tirribatti għall-asserzjonijiet tal-attur billi tagħmel referenza għall-ftehim datat bejnha u l-attur u l-mara tiegħu, fejn *inter alia* ġie speċifikat illi (fol 29):

*"(1) Yvonne Grima qiegħda tħallas is-somma ta' tmient elef, disa' mija u wieħed u disgħin Euro u seba' ċenteżmi (€8,991.07) lil ħuha John Grima u lil martu Therese Grima, għas-saldu ta' kull pretensjoni li kellu John Grima kontra Yvonne Grima dwar l-eredita' ta' Carmelo u Stella Grima.*

…

*(4) Il-Partijiet qegħdin jaqblu li wara li rrisolvew il-pendenzi li kien hemm bejniethom kif maqbul f'din l-iskrittura privata, m'għad baqa' ebda kwisjonijiet oħra bejniethom, u għal kull*

*buon fini qegħdin reċiprokament jirrinunzjaw għal kwalsiasi pretensjonijiet oħra li seta' kellhom fil-konfront ta' xulxin."*

Illi din il-Qorti tosserva illi l-attur ma jidhirx li ħa azzjoni sabiex dan il-ftehim jiġi dikjarat bħala null u bla effett, u għaldaqstant għadu viġenti bejn il-partijiet tal-istess ftehim.

Illi f'dan ir-rigward, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Anna Chircop, Armando Chircop u Sandra Chircop jiġi sottomess (fol 684):

*"Li mhux jissemma mill-atturi huwa li bi żball John u Tessie Grima għamlu skrittura ma' Yvonne Grima li ma għandhom l-ebda pretensjoni kontra tagħha u meta ndunaw li l-flus li ħasbu li kien għand Armando Chircop fil-fatt ma kinux għandu għaliex irritornahom lil Yvonne Grima, allura dawn tfixklu u fil-paniku fetħu kawża."*

Illi skont id-dokumentazzjoni esebita mill-konvenut, Armando Chircop (Dok 'ACX1' fol 202) il-kumpless ta' assi huwa ta' €110,188.64. L-attur jissolleva illi hemm diskrepanza bejn l-ammonti ċitati mill-konvenuti, Armando Chircop u Yvonne Grima. L-attur jissottometti (fol 676):

*"5.59 Illi jingħad li meta Armando Chircop jiċċita din is-somma huwa jonqos li jieħu in konsiderazzjoni l-akkrexximent tal-investimenti magħmula fil-Collective Investment Schemes, jonqos li jieħu in konsiderazzjoni s-somma ta' Lm5,000 investiti mid-depożitu mħallas fuq il-konvenju relattiv għall-bejgħ tad-dar ta' Ħ'Attard, jonqos li jinkludi s-somma ta' Lm2,500 investiti mill-flus miżmuma ġol-kont bankarju ta' Maria Stella Grima, u jonqos ukoll li jieħu kont tad-diskrepanza ta' Lm960 senjalata minn Yvonne*

*Grima bħala addizzjonali għas-somma ta' Lm 30,000 rimamenti mill-bejgħ tad-dar ta' Ħ'Attard."*

Illi wieħed mill-ilmenti prinċipali mressaq mill-attur huwa (fol 678):

*"5.74 Illi b'hekk jirriżulta li l-intimat Armando Chircop żbanka l-ammont globali ta' €179,334.77 u mhux l-ammont ta' €150,788.62. Dan joħroġ mill-prospett immarkat bħala Dok 'RS2', b'dan li tali ammont jirrappreżenta biss l-ishma mgħoddija lill-istess Armando Chircop minn Yvonne Grima nhar is-6 ta' Frar 2004;*

*5.75 Illi għalhekk hemm diskrepanza ta' €28,546.15 bejn dak li jgħid li żbanka l-intimat Armando Chircop u dak li effettivament ġie żbankat. Din id-differenza hi waħda sostanzjali u tali flejjes jappartjenu lill-eredita' tal-konjuġi Grima. Fil-fatt ħareġ biċ-ċar kemm kien skomdu Armando Chircop meta ġie mistoqsi fuq din id-diskrepanza in kontro-eżami.*

*5.76 Illi bl-istess mod l-esponenti jikkontesta s-somma ta' €14,599.78 mogħtija lil Yvonne Grima u li tnaqqsu mill-fond tal-Valletta Fund Management. Dan għax is-somma ta' €11,646.96 minn dan l-ammont kienet dovuta minn Armando u Anna konjuġi Chircop personalment lil Yvonne Grima għal spejjeż li l-istess Yvonne Grima għamlet fil-proprjeta' tagħhom. Għalhekk jidher li l-konjuġi Chircop minflok ħallsu lil Yvonne Grima din is-somma minn buthom, ħallsuha mill-flus appartenenti l-eredita' tal-konjuġi Grima, flus li legalment kienu jappertjenu wkoll lill-esponenti;*

*5.77 Illi meta għamlu dan il-konjuġi Chircop mhux talli naqqsu milli jirrintegraw il-fondi tal-konjuġi Grima fl-eredita' tal-istess iżda addirittura wettqu att ta' misapproprjazzjoni fil-konfront kemm tal-esponent kif ukoll tal-intimati l-oħra."*

Illi in konklużjoni, l-attur talab is-segwenti (fol 680):

*"6.1 Illi għalhekk u fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jissottometti li jirriżulta li l-esponent għandu kwart tal-eredita' ta' ommu (ċjoe' ⅛ mill-massa ereditarja kollha kemm hi), filwaqt li għandu dritt għall-eredita' ta' missieru kollha (ossia ½ mill-flejjes kollha appartenenti konġuntivament liż-żewġ ġenituri);*

*6.2 Illi jirriżulta ulterjorment li l-massa ereditarja hekk kif żbankata hi ta' €179,334.77 u li minn din is-somma l-esponent kulma għadu rċieva hi s-somma ta' €26,973.22 mingħand Armando Chircop u €8,991.07 mingħand Yvonne Grima, b'mod li għad fadallu jieħu tal-inqas is-somma ta' €42,706.40 (jew €56,589.46 jekk il-Qorti tqis li l-intimati mhumiex dovuti l-porzjoni riservata, liema flejjes għadhom fil-pussess tal-intimati jew min minnhom;*

*6.3 Illi huwa sottomess li l-ammont globali dovut lill-esponent għandu jitħallas in kwantu għas-somma ta' €3,771.22 minn Sandra Farrugia peress li rċeviet somma akbar minn dak dovut lilha skont it-testment u skont il-liġi, u in kwantu l-bilanċ għandu jitħallas minn Armando Chircop li ddetjena l-fondi appartenenti l-assi ereditarji tal-konjuġi Grima.*

*6.4 Illi Armando Chircop għandu wkoll iħallas l-interessi li qed jiddekorru fuq l-ammont bir-rata legali ta' 8%, u dan b'effett mid-data tal-mewt tal-ġenituri sad-data tal-ħlas*

*eventwali, flimkien mal-ispejjeż legali nkorsi mill-esponent.”*

Illi skont il-kuntratt ta’ bejgħ (fol 298) id-dar f’Ħ’Attard inbiegħet minn Carmelo u Maria Stella konjuġi Grima nbiegħet għal ammont komplessiv ta’ Lm45,000. F’dan ir-rigward, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti Anna Chircop, Armando Chircop u Sandra Chircop jiġi sottomess illi (fol 687):

*“Tajjeb li wieħed isemmi wkoll ammonti ta’ flus li jsemmu l-atturi li mhux ippruvati u qegħdin biss biex jiżvijaw il-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti. Eż. wieħed biss huwa l-ammont ta’ flus li nbiegħet id-dar ta’ Ħ’Attard. Din inbiegħet għall-ammont ta’ Lm45,000 kif jidher fil-kuntratt ta’ bejgħ li ġie ppreżentat. Iżda l-atturi dehrilhom li għandhom isemmu l-ammont ta’ Lm78,000 u fil-fatt hekk għamlu ... Wieħed irid jiftakar illi Carmelo Grima kien pensjonant li għex f’dar bil-kera kif jingħad ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur, u kull ma kellu kien il-flus imġemma’ u nvestiti li għadda fuq Yvonne Grima u d-dar ta’ Ħ’Attard li nxtrat bis-saħħa u ħidma ta’ Yvonne Grima pero’ minkejja dan kienet fuq isem Carmelo Grima.”*

Illi din il-Qorti tosserva illi skont l-iskrittura privata bejn Yvonne Grima u Armando Chircop (Dok ‘F’ fol 434) datata 24 ta’ Mejju 2010 ġie miftiehem *inter alia*:

*“(1) Illi Yvonne Grima qiegħed taqbel mar-rendikont imħejji minn Armando Chircop rigward il-massa ereditarja mħollija mill-ġenituri tagħha, il-mejtin Carmelo u Stella Grima, fi flus kontanti ammontanti għal mija u għaxart elf u mija u tmienja u tmenin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€110,188.84), b’dana li qiegħda taċċetta u sejra ssarraf il-bank draft tal-Bank of Valletta plc għas-somma ta’ sitta u għoxrin elf u disa’ mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u*

*għoxrin ċenteżmu (€26,973.22) - kopja mehmuża (Dok 'A') mibgħut lilha minn Armando Chircop, rappreżentanti l-kwart mis-somma fuq imsemmija";*

Illi in segwitu ġie ffirmat ftehim ieħor bejn l-istess Yvonne Grima u Armando Chircop datat 8 ta' Frar 2011 (Dok 'G' fol 438) fejn ġie miftiehem addizzjonalment illi:

*"(2) Illi, filwaqt li Armando Chircop qiegħed iżomm ferm il-pretensjoni tiegħu li l-ammont indikat fil-premessa (i) ta' din l-iskrittura tqies li tħallas lilu bħala kumpens għal xogħlijiet magħmula minn Armando Chircop u / jew kumpaniji mmexxija minnu, favur il-komparenti Yvonne Grima, il-komparenti Armando u Anna Chircop, mill-beni tal-komunjoni tagħhom, flimkien qegħdin preżenzjalment jgħaddu l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87 / Lm5,000) lil Yvonne Grima, u dan unikament sabiex ma jkunx hemm iktar tilwin bejn l-aħwa Yvonne Grima u Anna Chircop, liema ammont il-komparenti Yvonne Grima qiegħda taċċetta, u tagħti kwittanza għal kull pretensjoni li hija jista' jkollha fil-konfront ta' Armando Chircop, Anna Chircop u uliedhom Alessandro u Adrian Chircop."*

Illi mbagħad permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Frar 2012 l-istess Armando u Anna Chircop u Yvonne Grima ftehmu definittivament fis-sens illi (Dok 'H' fol 441):

*"(iii) Illi fil-frattemp, il-partijiet laħqu ftehim definittiv permezz ta' liema qegħdin jirrisolvu l-kwistjonijiet u l-pretensjonijiet kollha bejntiethom."*

Illi skont dikjarazzjoni magħmula minn Yvonne Grima stess datata 1 ta' Diċembru 2010 (Dok 'I' fol 443):

*"Għal xi żmien kont ħtart lil Armando Chircop bħala prokuratur tiegħi sabiex jeħodli ħsieb il-flus u l-assi, iżda dan wassal għal diżgwid kbir fil-familja, iżda kull kwistjoni finanzjarja ma' Armando Chircop illum ġiet solvuta."*

Illi għaldaqstant Armando Chircop jissottometti fl-*affidavit* tiegħu (fol 418) illi:

*"Għalhekk b'dawn l-iskritturi bejn Yvonne Grima u ħuha John Grima u bejni u bejn Yvonne Grima jien minbarra li ma bqajtx iżjed prokuratur ta' Yvonne Grima, bil-kunsens tagħha, u ċjoe' ta' Yvonne Grima qassamt il-flus li fdatli Yvonne Grima. (Dok 'I');*

*Għalhekk jien ma fadallix x'nirrispondi la lil Yvonne Grima u wisq iktar lil ħutha peress illi jien qatt ma kont prokuratur tal-mejtin Carmelo u Maria Stella Grima."*

Illi punt ieħor li ġie sollevat mill-konvenut, Armando Chircop huwa s-segwenti (fol 417):

*"Dan kollu qed ngħidu biex nispjega u nagħti stampa ċara ta' kif ġraw l-affarijiet u għaliex ġraw. Meta Carmelo Grima ta l-prokura lil bintu u din użat il-prokura dan qatt ma ried jieħu passi kontra tagħha minħabba dak li kien ġara bejniethom. Kien għalhekk illi Carmelo Grima minkejja li kien jaf illi bintu wżat il-prokura u flusu ma fetaħx kawżi kontriha u l-uniku pass illi ħa kontra tagħha kien li rtiralha l-prokura u taha lil John Grima ...*

*Carmelo Grima ġie nieqes fit-30 ta' Ottubru 2007 u ċjoe' tlett snin sħaħ wara l-ittra uffiċjali mibgħuta lil Yvonne Grima. Dan juri biċ-ċar illi Carmelo Grima ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jfittex lil bintu iżda kien kuntent bit-testment li għamel billi ddikjara li Yvonne ħadet li ħadet u għalhekk għandha tinqata' mill-wirt.*

*B'hekk ħalla lil John Grima bħala eredi tiegħu u ta' dak kollu li kellu Carmelo Grima meta ġie nieqes.*

*Jien qed nippreżenta dokument mmarkat Dok 'D' li Yvonne Grima kienet tat lil missierha u ffirmata minn missierha fejn għamlet lista tal-flejjes investiti f'isem ommha u missierha. Annessa hemm il-firma tal-missier li rċieva l-ktieb tal-flus."*

1.75 Għaldaqstant, għalkemm l-attur jagħti l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tiegħu tal-iskema tal-massa ereditarja tal-konjuġi Grima dawn l-argumenti jiddgħajfu mhux ftit fid-dawl tan-numerużi skritturi privati bejn il-kontendenti hawn fuq indikati. Huwa evidenti li t-tranżazzjoni li seħħet bejn il-mejta Yvonne Grima u l-konvenut Chircop u bejn l-istess Yvonne Grima u l-attur huma viġenti u ma jistgħux jiġu attakkati – jagħmlu stat fil-konfront tal-attur u l-werrieta tagħha. Madankollu, il-Qorti taqbel mal-attur li .... *hemm diskrepanza ta' €28,546.15 bejn dak li jgħid li żbanka l-intimat Armando Chircop u dak li effettivament ġie żbankat. Din id-differenza hi waħda sostanzjali u* ***tali flejjes jappartjenu lill-eredita' tal-konjuġi Grima*** u li *s-somma ta' €14,599.78 mogħtija lil Yvonne Grima u li tnaqqsu mill-fond tal-Valletta Fund Management ... €11,646.96 minn dan l-ammont kienet dovuta minn Armando u Anna konjuġi Chircop personalment lil Yvonne Grima għal spejjeż li l-istess Yvonne Grima għamlet fil-proprjeta' tagħhom. Għalhekk il-konjuġi Chircop minflok ħallsu lil Yvonne Grima din is-somma minn buthom, ħallsuha mill-flus appartenenti l-eredita' tal-konjuġi Grima,* ***flus li legalment kienu jappertjenu ukoll lill-partijiet.*** Għalhekk iridu jinqasmu €40,193.11; nofshom jinqasmu bejn il-werrieta skond sehemhom u n-nofs l-ieħor jiġu assenjati lill-attur. Ma jirriżultax li saret xi azzjoni da parti tal-attur li inekwivokabbilment aċċetta li jaqsam il-wirt ta' missieru ma

xi ħadd, apparti l-effetti tal-ftehim tiegħu mad-defunta Yvonne Grima. Dan għaliex kull ftehim li sar minnha mal-imsemmi Chircop jorbot sakemm ma ġewx mimsusa l-assi tal-ġenituri tal-partijiet. Mill-bqija, ma hemmx aktar x'wieħed izid. Tajjeb wieħed jiftakar ukoll li din hija kawża għal qsim tal-wirt tal-konjuġi Grima msemmija, u mhux biex Armando Chircop jagħti rendikont tal-prokura li kellu.

## DEĊIŻJONI

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Fl-ewwel lok tilqa' l-eċċezzjoni ta' Yvonne Grima u tillibera lill-eredi tagħha mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tal-attur;**

2) **Tilqa' t-talbiet kollha sa fejn ma' dan kompatibbli, u tordna li l-wirt tal-mejta Maria Stella Grima li jammonta għal għoxrin elf, sitta u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€20,086.50) għandu jinqasam f'erba' porzjonijiet: u ċjoe' bejn l-attur, il-konvenut Anna Chircop, il-konvenuta Sandra Farrugia, u l-werrieta' ta' Yvonne Grima;**

3) **Tordna li l-wirt tal-mejjet Carmelo Grima li jammonta wkoll għal għoxrin elf, u sitta u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€20,086.50) għandu jiġi assenjat lill-attur;**

4) **Fir-rigward tas-seba' talba tordna lill-konvenuti Chircop jagħtu lill-attur is-somma komplessiva ta' ħamsa u għoxrin elf, mija u tmien Ewro u tnax-il ċenteżmu (€25,108.12) dovuti lilu mill-wirt tal-ġenituri tiegħu.**

> **Il-Qorti tirriserva li tinnomina Nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċi jekk tiġi mitluba li tagħmel dan billi ma jidhirx li hemm lok.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati bil-mod segwenti: $^5/_8$ mill-attur u $^1/_8$ kull wieħed mill-konvenuti Anna Chircop u Sandra Farrugia. Ir-rimanenti $^1/_8$ ikun a kariku tal-attur kif fuq ingħad (minħabba l-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju tal-eredi ta' Yvonne Grima).**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**